PAĠNA VOJTA



# EŻAMI GĦALL-INGAĠĠ TA' SULDATI FIL-FORZI ARMATI TA' MALTA

FRAR 2019

IL-MALTI

ĦIN: SIEGĦA

**Struzzjonijiet lill-kandidati**

- **Dan l-eżami jikkonsisti minn TLIET taqsimiet: A, B u Ċ. Aqra sew kull silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA f'kull taqsima (hemm 50 mistoqsija b'kollox).**
- **Kull mistoqsija għandha erba' tweġibiet possibbli, imma WAĦDA biss hija korretta.**
- **Niżżel it-tweġibiet fuq l-*Answer Sheet* ipprovduta. Immarka BISS it-tweġiba t-tajba billi tuża l-lapes.**
  **eż. jekk tagħżel it-tweġiba C, imla ċ-ċirku t-tajjeb kif jidher hawn taħt.**

| 50. | Ⓐ Ⓑ ● Ⓓ |
|---|---|

- **Kull mistoqsija fiha żewġ (2) marki.**

**TAQSIMA A**

**Aqra s-silta sew u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 1 sa 15) li jsegwu:**

Anqas laħaq wasal li ma sabux ma' wiċċu.

Kif stenna, sab raġel anzjan; żgur mhux forsi qabeż is-sebgħin sena.

Kellu leħja li kienet ilha ma tara x-xafra xi ftit tal-ġimgħat mhux ħażin. Ħwejġu, jekk tista' ssejħilhom ħwejjeġ, kienu biċċa qmis li l-għonq kien jixhed li rat snin twal ta' xedd mingħajr ma nħaslet, qalziet li darba kien intlibes snin ilu u bħal qatt ma tneħħa biex jindaf, u żarbun li tefa fil-kulur u li l-pett li darba kien jipproteġih mill-ħruxija tal-art kien mikul waħda sew. Xagħru abjad maħmuġ, mgħaqqad u mberfel.

Imma did-dehra żdingata kienet tikkuntrasta ma' ħalq snien li, għalkemm tilfu l-bjuda tagħhom, kienu għadhom sħaħ u par għajnejn suwed tuta li ftit ħallew spazju lill-abjad safrani tal-isfond tagħhom. U dawn l-għajnejn kellhom kisra misterjuża li ġġiegħel lil min iħares fihom iħoss simpatija, kurżità u skumdità fl-istess ħin.

"Ilek tistenna xejn, Ġorġ?" għedtlu minkejja li kont naf li wasalt tard sewwa l-uffiċċju.

Tani ħarsa niffieda.

"Irrid u ma rridx nistenna jkolli."

Iċ-ċanfira kellha l-effett tagħha; ħassejt li nqastu.

Ftaħt il-bieb tal-uffiċċju u dħalna ġewwa. Minkejja li x-xemx kienet telgħet sewwa, l-uffiċċju kien mudlam għax il-binja ma kinitx tara xemx ħlief tard waranofsinhar. Xgħelt in-neon li rnexxielu jdawwal lill-madwar.

Mhux għax l-uffiċċju kien fih x'tara. L-ewwel kamra kien fiha bank tal-injam fejn il-klijenti kienu jpoġġu sakemm ikun imisshom jinqdew. Kien ħallieha għera għax ħass li ma kellux għalfejn iżejjen. L-uffiċċju li



47. Il-kelma li hija **nom** u li fiha għandha **pronom mehmuż** magħha hija
    a) setgħu.
    b) dekorattiv.
    ċ) darhom.
    d) isibuha.

48. Liema frażi minn dawn hija miktuba tajba?
    a) tmient ijiem.
    b) tmien tijiem.
    ċ) tmint ijiem.
    d) tmin tijiem.

49. Il-kelma **dan** fil-frażi **'iżda dan kollu'** tissejjaħ
    a) nom.
    b) aġġettiv.
    ċ) verb.
    d) pronom.

50. Din is-silta tista' titqies ta' xeħta
    a) storika.
    b) reliġjuża.
    ċ) fittizja.
    d) politika.

20 x 2 marki = **40 marka**

**TOTAL: 100 MARKA**

40. Skont is-silta, kien miżmum li l-Għarab ħawlu f'Malta l-ewwel siġar
a) tal-prinjol.
b) tal-ħawħ.
ċ) taż-żebbuġ.
d) tal-larinġ.

41. Is-singular ta' **rziezet** huwa
a) razzett.
b) razett.
ċ) razzet.
d) razet.

42. **Ħafna** oġġetti ngħidulhom **tipiċi**, imma **wieħed** ngħidulu
a) tipiċu.
b) tipikament.
ċ) tipiku.
d) tipika.

43. L-Għerq tal-verb **jittawwal** huwa
a) J_T_W_W_L
b) T_W_W_L
ċ) T_W_L
d) J_T_W_L

44. In-negattiv ta' **isibuha** huwa **ma**
a) isibuhiex.
b) isibuhix.
ċ) jsibuhix.
d) jsibuhiex.

45. Ngħidu **taraġ immewweġ** imma **tarġiet**
a) immewġa.
b) imewwġa.
ċ) mmewġa.
d) mewwġa.

46. Il-frażi mis-silta li tfisser li fl-imgħoddi l-irġiel kienu aktar liberi min-nisa hija:
a) kienet iddominata.
b) kull meta jfettlilhom.
ċ) jibqgħu misturin.
d) jiġri madwarhom.



kellu fil-blokk bini li kien għadu kif tela' ġewwa tal-Pietà kien mgħammar u mżejjen ħafna aħjar. Hemm kien jilqa' klijenti "tat-tajjeb".

Mal-ġenb tal-kamra faċċata tal-bank kien hemm bieb li jagħti għall-kamra fejn jilqa' n-nies u jara kif jagħmel jaqla' lira. Din kienet kamra mdaqqsa b'tieqa kbira li tagħti għal barra t-triq u li kienet titnaddaf biss meta t-trab u t-tidlik tar-riħ isfel kienu jagħmluha impossibbli li jgħaddi d-dawl. Skrivanija li kien xtara minn irkant, għadd ta' xkaffi għall-istivar ta' fajls u dokumenti notarili, fann kbir imdendel mis-saqaf li kellu l-għan li jiċċirkola l-arja soffokanti, u salib fuq l-iskrivanija li aktar milli biex iqanqal devozzjoni jew ħasra kien iservi biex jixhed is-sewwa ta' dak li kien jingħad bejn dawk l-erba' ħitan.

"Skużani Ġorg. Imma taf int!"

**Mistoqsijiet**

1. Immarka kelma oħra flok "simpatija".
a) stmerrija.
b) insensittività.
ċ) sensibilità.
d) rabja.

2. Sid l-uffiċċju kien
a) kummerċjant.
b) nutar.
ċ) għalliem.
d) tabib.

3. Il-frażi "tat-tajjeb" tfisser nies:
a) twajba.
b) tal-flus.
ċ) tal-affari tagħhom.
d) mhux kattivi.

4. X'inhija l-forma tal-verb "jixhed"?
a) Is-6 Forma.
b) L-1 Forma.
ċ) It-2 Forma.
d) It-8 Forma.

5. Liema minn dawn li ġejjin hija **żbaljata**?
a) Fl-uffiċċju kien hemm skrivanija.
b) Fl-uffiċċju kien hemm kamera tas-sorveljanza.
ċ) Fl-uffiċċju kien hemm għadd ta' fajls.
d) Fl-uffiċċju kien hemm salib.

6. L-**oppost** ta' "soffokanti" huwa
a) arjuż.
b) imċajpar.
ċ) imdellek.
d) magħfus.

7. In-nutar kellu
   a) uffiċċju wieħed fejn jilqa' n-nies.
   b) tliet uffiċċji.
   ċ) żewġ uffiċċji.
   d) blokk bini.

8. Liema kelma fiha **pronom mehmuż?**
   a) id.
   b) lilhom.
   ċ) ra.
   d) ta'.

9. Ngħidu "iswed tuta". Ma' liema kelma minn dawn li ġejjin nuża "aħdar?
   a) qattus.
   b) ħaxix.
   ċ) ktieb.
   d) sabiħ.

10. Minn dak li qrajt fis-silta t'hawn fuq agħżel **waħda** minn dawn li ġejjin:
   a) Il-binja kienet imdawla bix-xemx f'kull ħin.
   b) Il-binja kienet imdawla ftit filgħodu kmieni.
   ċ) Il-binja kienet imdawla tard waranofsinhar.
   d) Il-binja qatt ma kienet tara dawl tax-xemx.

11. Agħżel **it-tajba** skont is-silta:
   a) In-nutar kien jistma 'l kulħadd l-istess.
   b) Ġorġ kien iżomm ruħu nadif.
   ċ) Ir-rakkontatur u Ġorġ kienu jiġu minn xulxin.
   d) In-nutar ma kienx puntwali.

12. Waħda minn dawn t'hawn taħt **mhix korretta.** Liema?
   a) Is-salib kien hemm għax sid il-post kien reliġjuż.
   b) Ġorġ kellu aktar minn sebgħin sena.
   ċ) Fl-uffiċċju ta' ġewwa kien hemm fann.
   d) Ġorġ ma kienx iqaxxar il-leħja spiss.

13. Minkejja li Ġorġ ma kienx ta' skola ma kienx wieħed li jħalliha lixxa lil ħadd. Kif taf dan?
   a) Ġorġ kien qed iħossu skomdu quddiem in-nutar.
   b) In-nutar kellem lil Ġorġ bi kliem iebes.
   ċ) Iċ-ċanfira li Ġorġ ta lin-nutar kellha effett.
   d) Ġorġ kien joqgħod lura għax kien mistħi.

14. Fis-silta jissemmew xi kuluri. Liema kulur minn dawn t'hawn taħt **ma jissemmiex**?
   a) l-iswed.
   b) il-griż.
   ċ) l-abjad.
   d) l-isfar.



33. Mill-ewwel parti tal-artiklu jidher li l-awtur hu konvint li
   a) f'Malta ma fadal xejn ta' żmien l-Għarab.
   b) ħadna ħafna affarijiet mill-Għarab fejn tidħol biedja.
   ċ) l-Għarab żviluppaw il-binja tar-razzett tipiku Malti.
   d) kulma fadlilna li jfakkarna fl-Għarab huma ftit affarijiet żgħar.

34. Kelma oħra li tfisser l-istess bħal **ingastati** hija
   a) imdaħħla.
   b) imnaqqxa.
   ċ) imkissra.
   d) maqlugħa.

35. Il-kelma li hija aġġettiv hija
   a) dawramejt.
   b) dojoq.
   ċ) sqaqien.
   d) influwenza.

36. Il-muxrabija kienet maħsuba biex
   a) tilqa' mix-xemx.
   b) ma tidħolx xita ġewwa.
   ċ) in-nisa żgur ma joħorġux barra fit-triq.
   d) tara x'inhu jiġri barra bla ma tidher.

37. Għall-muxrabija, l-Għawdxin jużaw
   a) l-istess kelma bħall-Maltin.
   b) l-istess kelma bħall-Għarab.
   ċ) kelma li ġejja mit-Taljan.
   d) kelma apposta li ħolqu huma.

38. Minn **nemmes** nagħmlu **nemmiesa**, allura minn **semma'** nagħmlu
   a) semmija.
   b) semmiegħa.
   ċ) semiegħa.
   d) semmigħa.

39. Il-frażi li tinsab fl-**istat kostrutt** hija
   a) kultura Iżlamika.
   b) f'ħalq il-poplu.
   ċ) żminijiet imgħoddija.
   d) taraġ immewweġ.

## TAQSIMA Ċ

**Aqra s-silta sew u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 31 sa 50) li jsegwu:**

**Wirt l-Iżlam fil-Gżejjer Maltin.**

Hawn min jgħid li, minbarra l-lingwa, l-Għarab kienu daħħlu f'pajjiżna t-tqassim tar-raba' f'tarag immewweġ, għelieqi mdawrin b'ħitan tas-sejjieħ u l-użu tas-sienja għat-tisqija tal-uċuħ. Jingħad ukoll li kienu huma l-ewwel li ħawlu f'Malta s-siġar taċ-ċitru. Iżda dan kollu mhux la kemm wieħed jasal jippruvah. Lanqas wieħed jista' jkun fiż-żgur jekk il-bixra arkitettonika tal-irziezet Maltin, bi kmamar ċatti mibnijin dawramejt ma' bitħa żgħira, u dik tal-irħula, bit-toroq dojoq u sqaqien li jserrpu u jidħlu ġo xulxin bla ma jsegwu pjan fiss, humiex ukoll influwenza tal-Għarab. Kulma nistgħu ngħidu hu li għad fadal fostna tliet elementi mhux komuni, jiġifieri l-*isqifa*, passaġġ imsaqqaf li jieħu dritt għal ġo razzett; ir-*roundels*, ġebliet kbar u tondi ingastati ġol-ħitan u mnaqqxin b'disinji dekorattivi, u l-*muxrabija*, li huma tipiċi tal-kultura Iżlamika.

Għalkemm illum qajla għadna nisimgħu bil-muxrabija, din kienet f'ħalq il-poplu fi żminijiet imgħoddija. Kien hawn xi wħud, minflok il-kelma muxrabija, jużaw muxrafija, kelma li ma tinstab f'ebda dizzjunarju Malti. Kultant għadna nisimgħu xi xiħ raħli jirreferi għaliha bħala n-nemmiesa, waqt li hemm oħrajn isibuha bħala x-xerriefa. Il-muxrabija qadima li hemm fir-Rabat, Għawdex, isejħulha l-kixxiefa jew inkella l-kixxifija.

Il-muxrabija hi bħal paraventu jew skrin dekorattiv tal-injam li kien jinħadem bl-idejn jew bit-torn f'għamla ta' kannizzata biex jgħatti l-fetħa ta' tieqa. B'hekk wieħed seta' jittawwal 'il barra bla ma jidher. Dan hu element interessanti tal-kultura tradizzjonali Iżlamika fejn is-soċjetà kienet iddominata mill-irġiel u fl-imgħoddi n-nisa ma tantx kellhom kuntatt dirett mad-dinja ta' barra. Għalhekk filwaqt li l-irġiel setgħu joħorġu 'l barra kull meta fettlilhom, in-nisa kienu jibqgħu misturin f'darhom u setgħu biss jaraw x'kien qed jiġri madwarhom billi jittawlu minn wara l-muxrabija.

*Addattament minn kitba ta' C. J. Jaccarini li dehret f'* ***L-Imnara*** *(2002).*

**Mistoqsijiet**

31. Il-kelma **'bixra'** tfisser
    a) aħbar.
    b) prezz.
    ċ) dehra.
    d) sinjura.

32. Liema sentenza fiha informazzjoni **żbaljata** skont is-silta:
    a) L-ilsien Malti jaf il-bidu tiegħu mill-Għarbi.
    b) Jista' jkun li s-siġar taċ-ċitru ddaħħlu Malta mill-Għarab.
    ċ) Aktarx li l-ħitan tas-sejjieħ bdew jinbnew fi żmien il-ħakkiema Għarab.
    d) Nistgħu ngħidu li llum ma fadal xejn li jfakkarna fil-kultura Iżlamika.



15. Jekk minn "dalam" tislet "mudlam", allura minn "għamel" tislet
    a) mgħamul.
    b) mamul.
    ċ) intgħamel.
    d) magħmul.

15 x 2 = **30 marka**

## TAQSIMA B

**Aqra s-silta sew u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA (minn 16 sa 30) li jsegwu:**

Kont ili mqajjem minn xi t-tlieta u kwart ta' filgħodu, minn xħin daqqet is-sirena tavżana li kien ġej l-għadu. Minħabba li kien hemm xi sparar fil-bgħid, bħas-soltu, flok inżilt taħt il-blat, bqajt fuq fit-triq maġenb id-daħla tax-xelter nitkellem ma' xi ħbieb. Matul dan il-ħbit ftit li xejn kien qiegħed isir sparar ħlief xi kultant tinstema' xi tfaqqigħa mill-kanuni tal-Forti Manoel jew minn xi fortizza li kien hemm madwar Tas-Sliema, donnhom biex ifakkru lill-għadu li kien qiegħed jittajjar fuqna li kien hemm min hu għassa tiegħu.
Kien is-7 ta' Mejju 1942 fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija. Kien għadu dlam ċappa bis-sema kollu kwiekeb jiksru d-dlam taqtgħu b'sikkina. Il-ħemda kienet tinkiser xi ftit minn xi ilħna ta' nies jitkellmu ħdejn id-daħla tax-xelter, jew xi daħka wara xi ċajta. Waqtiet kienet tinstema' damdima ta' ajruplan fil-għoli li ġġiegħlek tħoss xi ħadd qiegħed iħares lejk u jfittxek fid-dlam u li ġġiegħlek tħares 'il fuq lejn is-sema sewdieni.

***(Charles B.Grech, Umbrelel fuq Tas-Sliema, 1979)***

16. Dil-kitba tfakkar ġrajja
    a) fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija.
    b) fi żmien l-Assedju l-Kbir.
    ċ) fi żmien l-Imblokk tal-Franċiżi.
    d) fi żmien l-Għarab.

17. **Xelter** hi kelma ġejja
    a) mit-Taljan.
    b) mill-Ingliż.
    ċ) mill-Għarbi.
    d) mill-Franċiż.

18. Il-kelma **ċappa** fi "dlam ċappa" hija
    a) nom.
    b) verb.
    ċ) aġġettiv.
    d) artiklu.

19. L-**oppost** ta' "fil-bgħid" hu
    a) fil-ġenb.
    b) fil-baxx.
    ċ) fil-qrib.
    d) fil-għoli.

20. Kelma oħra flok **ħemda** hija
a) sbuħija.
b) dalma.
ċ) baħħ.
d) sikta.

21. Il-**plural** ta' "għadu" huwa
a) għewejjed.
b) għodwa.
ċ) għads.
d) għedewwa.

22. Il-kelma "kwiekeb" hi
a) fil-Plural Miksur.
b) fil-Plural Sħiħ.
ċ) fl-Għadd Imtenni.
d) fis-Singular.

23. Il-**verb** fil-frażi "inżilt taħt il-blat" hu
a) inżilt.
b) taħt.
ċ) il-.
d) blat.

24. Il-kelma "jew" hija
a) aġġettiv.
b) interjezzjoni.
ċ) prepożizzjoni.
d) konġunzjoni.

25. Il-kelma "triq" hija
a) fis-singular.
b) fil-plural.
ċ) fl-għadd imtenni.
d) fil-kollettiv.

26. "Damdam" hu verb
a) Dgħajjef.
b) Imnissel.
ċ) Kwadrilitteru.
d) Trilitteru.

27. Kieku kelli nikteb **is-7 ta' Mejju**, kont niktibha
a) Is-seba ta' Mejju.
b) Is-seba' ta' Mejju.
ċ) Is-sebgħa ta' Mejju.
d) Is-sebagħ ta' Mejju .



28. Jekk minn **qajjem** nagħmlu **mqajjem**, minn **tkellem** nagħmlu
a) kelmiet.
b) kelliem.
ċ) miklem.
d) mitkellem.

29. Indika liema minn dawn hi **verb bil-pronom mehmuż**
a) bqajt.
b) tinkiser.
ċ) tinstama'.
d) tavżana.

30. Indika liema minn dawn hi fl-**Istat Kostrutt**
a) il-kanun ta' Dellimara.
b) l-isem tat-tifla.
ċ) il-bieb tal-għorfa.
d) xatt il-baħar.

15 x 2 = **30 marka**

AQLEB IL-PAĠNA